MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

**Gemini2** - http://www.gemini2.co/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li qed topera taħt l-isem **Gemini2**, u li għandha preżenza fuq l-Internet fuq http://www.gemini2.co/ Minn informazzjoni li għandha l-MFSA, **Gemini2** jidher li qed toffri *software* awtomatizzat ta' *binary options trading*.

L-MFSA twissi lill-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, li **Gemini2 mhix liċenzjata jew awtorizzata mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' servizz finanzjarju f'Malta.** Aktar minn hekk, informazzjoni disponibbli għand l-MFSA tissuġġerixxi li **Gemini2** aktarx li hija skema ta' natura dubjuża b'ċans kbir li jintilfu l-flus investiti. Għalhekk, il-pubbliku m'għandux jidħol f'negozju jew transazzjonijiet mal-entità msemmija hawn fuq.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji sabiex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed issir it-transazzjoni hija awtorizzata tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 12-2016**
**16 ta' Novembru 2016**